# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu 2018.**

**Talba Nru: 323/2017PA**

**TPG Malta Limited**

**vs**

**Owen Jones**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fil-25 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu s-scojeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' seba' mija u disgha u disghin Ewro (€799), rapprezentant l-bilanc ta' somma akbar, prezz ta' spare parts ta' vetturi ordnati mill-intima tu kkonsenjati lill-istess intimat u dan skond ma jirrizulta mill-annessi fatturi datati rispettivament 29 ta' Marzu 2016 u 30 ta' Dicembru 2015, wara li l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li kien interpellat biex jaghmel dan,

bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Dicembru 2016, u b-imghax legali fuq is-somma dovuta mid-dati tar-rispettivi fatturi sad-data tal-hlas.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviz tat-Talba, senjatament zewg fatturi, wahda datata 29 ta’ Marzu 2016 li originarjament kienet ghas-somma ta’ €623.27 pero’ hemm entrata kancellata, u bilanc miktub bl-idejn ta’ €489.06 (Dok. A, fol. 2); u ohra datata 30 ta’ Dicembru 2015 has-somma ta’ €625.05, u fuqha hemm kitba bl-idejn (Dok. B, fol. 3).

Ra r-Risposta tal-konvenut li (i) preliminarjament, huwa mhux il-legittimu kuntradittur ghat-talba attrici billi l-legittimu kuntradittur huwa certu Allan Magro (226384M) ta; ;Sonic Car Imports’, Mannarino Road, Birkirkara, li ghalhekk ghandu jissejjah f’din il-kawza, billi huwa l-persuna li ordn a t-tiswijiet fuq u l-ispare parts tal-vettura in kwistjoni, filwaqt li l-kumpannija assikuratrici harget ic-cekk dovut lll-kumpanija atttrici fuq isem dan Magro li min-naha tieghu irrifjuta li jghaddih u jhallas lill-kumpanija attrici.  Magro lanqas hallas lill-konvenut ta’ xoghlu; (ii) fil-mertu, l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut lill-kumpanija attrici, kif ser jigi pruvat ahjar fil-kawza; (iii) f’kull kaz, il-konvenut m’ghandux ibati spejjez.

Ra l-provvediment moghti minnu fid-9 ta’ Jannar 2018 li permezz tieghu cahad it-talba tal-konvenut ghas-sejha f’din il-kawza ta’ Alan Magro, filwaqt li rrizerva l-ispejjez relattivi ghall-gudizzju finali.

Ra li l-kawza giet imhollija ghall-udjenzi tas-7 ta’ Frar 2018 u tal-21 ta’ Frar 2018 ghas-smigh tal-provi kollha tal-konvenut, u ghat-trattazzjoni finali.

Ra li fl-udjenza tal-21 ta’ Frar 2018, il-konvenut minn jeddu ddikjara li kien fi hsiebu jhallas is-*sorte* u l-ispejjez tal-kawza.

Rega’ ra dak ga deciz fil-provvediment moghti minn dan it-Tribunal f’din il-kawza fid-9 ta’ Jannar 2018, partikolarment li mix-xiehda tal-konvenut innifsu, korroborata mix-xiehda ta’ Philip Pullicino ghas-socjeta’ attrici, in-negozju guridiku

mertu ta' din il-kawza sar esklussivament bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut. Il-konvenut ma weriex li gharraf lis-socjeta' attrici fil-mument tal-ordni, u tal-akkwisti, li kien qed jaghmel dawn l-akkwisti bhala mandatarju tat-terz li nkarigah isewwi l-vettura. F'dak il-kaz, il-mandat kellu jigi mgharraf b'mod car lis-socjeta' attrici.

Il-koncessjoni moghtija mis-socjeta' attrici, li tinftiehem fid-dinja tan-negozju, li tircievi l-hlas fi zmien tlett xhur biex taghti nifs lill-akkwirenti negozjanti li, fil-frattemp, jilhqu jezegwixxu x-xoghol u jithallsu minghand il-klijenti taghhom beneficcjarji ahharin tal-fornituri taghha, ma tbiddel xejn mir-relazzjoni guridika taghha ma' min ikun inkarigaha tbieghlu u tikkonsenjalu l-partijiet tal-vetturi, u l-partijiet kontraenti fiha. Mill-provi rrizulta car li, kull meta l-konvenut ordna u xtara minghand is-socjeta' attrici, dejjem hu hallasha. Il-kwistjoni jekk il-konvenut jigborx il-hlas relattiv minghand il-klijent tieghu hija *res inter alios acta* ghas-socjeta' attrici, anke jekk f'dan il-kaz jidher li harget minn triqtha u kkomunikat hi mat-terz biex tipprova tevita dawn il-proceduri.

Dan l-apprezzament ta' fatt li ghamel it-Tribunal illum huwa sorrett mid-dikjarazzjoni volontarja tal-konvenut, quddiem dan it-Tribunal stess, li kien fi hsiebu jhallas is-somma mitluba b'din il-kawza, flimkien mal-ispejjez, lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma mitluba ta' seba' mija u disgha u disghin Ewro (€799), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba fl-Avviz tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LLM. (Lond.), LL.D.**

**Gudikatur**